# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' April, 2002 .

### Avviz numru : 142/1997G2(PC)

Ta' Frenc Real Estate Limited .

vs

Galdes & Mamo Limited u din bhala rapprezentanti tas-socjeta' assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited; u ghal kull interess li jista' jkollha s-socjeta' Pace Associates Limited .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta Galdes and Mamo Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (LM862.50) jew kull somma inqas li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti l-valur tal-hsara sofferta mill-istess socjeta' attrici f'radio repeater minhabba maltemp liema hsara kienet oggett ta' polza ta' assikurazzjoni mieghek socjeta Galdes and Mamo Limited . Din il-hsara ssewwiet mis-socjeta konvenuta Pace Associates Limited u ghal din t-tiswija qeghda tirriklama s-somma msemmija ta' tmien mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm862.50) .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-23 ta' Jannar 1996, tal-20 ta' Dicembru, 1996, ta' l-24 ta' Frar, 1997, tas-17 ta' Marzu 1997, tad-19 ta' Mejju 1997 u tas-16 ta' Gunju, 1997 u tal-ittra ufficjali spedita f'Jannar 1997 u bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Galdes and Mamo Limited nomine li eccepiet illi :

Bhala assikuratrici tar-radio reater de quo, l-eccipjetni kienet wettqet survey tal-hsara u tal-ispejjez necessarji sabiex tigi rrangata l-istess hsara u minn dan is-survey kien irrizulta illi l-valur tad-danni kien ta' LM400 . L-esponenti kienet pronta thallas dan l-ammont, u infatti kienet anke s-

spediet assenn bankarju ghall-istess ammont liema assenna baqa' pero ma ssarrafx .

L-ammont pretiz jew mitlub mis-socjeta' konvenuta l-ohra, ta' LM862.50c, huwa wiehed esagerat konsiderati d-danni sofferti .

Ghadaqstant l-esponenti tissottometti illi l-ammont ta' danni risarcibbli lis-socjeta' attrici huwa biss ta' LM400, u din il-Qorti ma ghandhiex tillikwida ammont akbar minn daqshekk .

Dwar l-ispejjez, imbaghad, l-esponenti ghadha tigi ezonerata minn kwalunkwe parti mill-ispejjez gudizzjarji stante illi dawn gew provokati unikament mit-talba esagerata intavolata mis-socjeta' attrici jew is-socjeta' l-ohra konvenuta .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Innotat illi s-socjeta' konvenuta l-ohra Pace Associates Limited, minkejja li giet debitament notifikata b'dan l-Avviz fil-4 ta' Dicembru 1997 baqghet ma wegbitx ghat-talbiet attrici u ghahekk hija kontumaci .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed tirreklama minghand is-socjeta' konvenuta Galdes and Mamo Limited, l-ispejjez ghat-tiswija ta' radio repeater li kien gie danneggjat mill-elementi . Dan l-apparat kien assikurat ma' l-istess ditta konvenuta . Gara' pero' illi nqala' nuqqas ta' qbil dwar l-ispiza tat-tiswija ta' l-istess apparat . Is-socjeta' attrici fdat it-tiswija mehtiega lis-socjeta' konvenuta l-ohra Pace and Associates Limited, li minghandha kienet xtrat dan l-apparat . Ta' din it-tiswija irceviet kont ta' tmien mija tnejn u sittin lira maltija u hamsin centemu (lm862.50) . Meta pero' s-socjeta' attrici ghaddiet dan il-kont lid-ditta assikuratrici taghha, kif kellha kull dritt li taghmel gialadarba l-istess apparat kien assikurat kontra l-hsarat ikkagunati ma' din id-ditta, Galdes and Mamo Limited ikkontestaw dan il-kont bhala wiehed esagerat hafna . Ghalhekk irrifjutaw li jhallsu d-danni kkagunati .

Huma infatti inkarigaw espert sabiex jaghmel stima tal-hsarat attwali u kif jirrizulta mill-affidavit ta' Anthony Buttigieg, l-espert inkarigat ghal dan il-fini, rrizulta illi l-hsara attwali ma kienitx xi wahda kbira hafna, u fil-fehma tieghu, ma kienx hemm b'aktar minn erba' mitt lira maltija (LM400) danni (ara affidavit esebit bhala "Dok. GM" a fol. 17 - 18 tal-process) . Id-deskrizzjoni tal-hsarat li garrab l-apparat tas-socjeta' attrici, moghtija mill-imsemmi espert 'ex parte', ma giet ikkontestata bl-ebda mod mill-konvenuti l-ohra . In vista tal-fatt ukoll illi s-sur Buttigieg ta spjegazzjoni dettaljata hafna ta' dak kollu li sab u x'suppost kienet tinvolvi t-tiswija mehtiega f'dan l-istess apparat, il-Qorti ma ssib ebda

raguni ghaliex m'ghandhiex taccetta dan l-affidavit bhala verosimili u li jindika l-ispiza proprjra li kellha tintefaq fit-tiswija tieghu .

Infatti rrizulta wkoll illi Galdes and Mamo Limited, wara li kkumissjonaw dan ir-rapport, riedu jhallsu d-danni stabiliti f'dik is-somma ta' erba' mitt lira (Lm400), imma l-konvenuti l-ohra baqghu jirrifjutaw li jaccettaw anqas minn dak li kien gie iffissat fil-kont taghhom mibghut lid-ditta attrici .

Il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi u peress illi jidhrilha illi l-pretensjoni tad-ditta assikuratrici dwar id-danni attwali subiti fl-apparat tad-ditta attrici rrizultaw gustifikati, u peress ukoll illi ma jista' jkun hemm ebda dubbju illi s-socjeta' attrici hija ntitolata li tigbor minghand id-ditta assikuratrici taghha d-danni realment ikkagunati fl-apparat taghha, tiddecidi din il-kawza, billi tordna lis-socjeta' konvenuta Galdes and Mamo Limited nomine thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mitt lira maltija rappresentanti d-danni kkagunati fl-apparat taghha kawza ta' l-incident mertu ta' din il-kawza .

L-ispejjez tal-kawza, madankollu billi rrizulta illi l-kwistjoni kollha nqalghet minhabba l-kont esagerat mibghut mis-socjeta' konvenuta l-ohra Pace and Associates Limited, ghandhom jigu ssoportati mill-istess socjeta' konvenuta .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S14297G2(Pc)
817